IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 54/25

**il-Lussemburgu, 29 ta' April 2025**

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-453/23 | Prezydent Miasta Mielca

# Għajnuna mill-Istat: il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża ċ-ċirkustanzi li fihom eżenzjonijiet fiskali jistgħu jiġu pprojbiti mid-dritt tal-Unjoni

Fil-Polonja, impriża ġiet irrifjutata l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli prevista meta l-art tkun mgħammra b'infrastruttura ferrovjarja mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' trasportaturi ferrovjarji, minħabba li l-għoti tagħha jikser id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Il-Qorti Amministrattiva Suprema Pollakka staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, bħala prinċipju, eżenzjoni ġenerali u astratta, bħal dik prevista mil-liġi Pollakka, ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat peress li ma tagħtix vantaġġ selettiv. Din l-eżenzjoni ma tidhirx li hija marbuta mal-karatteristiċi speċifiċi tal-impriżi benefiċjarji jew tal-attivitajiet tagħhom, u ma tidhirx li tifforma parti minn sistema manifestament diskriminatorja. Ibbażata fuq kriterju newtrali, hija tapplika għal diversi atturi, inklużi kumpaniji ta' daqsijiet u setturi differenti kif ukoll għal entitajiet mhux ekonomiċi. Barra minn hekk, hija għandha għan doppju: baġitarju u ambjentali. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk l-iskema ta' eżenzjoni inkwistjoni tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat jew le.

Impriża Pollakka li żżomm fuq l-artijiet tagħha art ferrovjarja partikolari ddeċidiet li tqiegħdha għad-dispożizzjoni ta' trasportatur ferrovjarju sabiex tibbenefika minn eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli. Għal dan l-għan, hija talbet lill-awtorità kompetenti deċiżjoni fiskali li tikkonferma d-dritt tagħha għal din l-eżenzjoni.

Minkejja li l-impriża ssodisfat il-kundizzjonijiet kollha previsti mid-dritt Pollakk, hija ġiet irrifjutata l-eżenzjoni minħabba li, skont id-dritt tal-Unjoni, din kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali, peress li ma kinitx ġiet ikkomunikata minn qabel lill-Kummissjoni.

L-impriża kkontestat dan ir-rifjut quddiem il-qrati Pollakki. Peress li ma kinitx ċerta jekk din l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli tistax tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni [1], il-Qorti Amministrattiva Suprema Pollakka indirizzat lill-Qorti tal-Ġustizzja. Hija xtaqet tkun taf jekk din l-eżenzjoni tagħtix vantaġġ selettiv lill-benefiċjarji tagħha, u toħloqx distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, **l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli inkwistjoni ma tidhirx li tagħti vantaġġ selettiv u għalhekk ma tidhirx li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat**. **Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi definittivament f'dan ir-rigward.**

Fl-analiżi tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja titlaq mill-ipoteżi li s-sistema legali tat-taxxa fuq il-proprjetà immobbli, kif prevista mil-liġi Pollakka, tirrappreżenta s-sistema fiskali "normali", li fid-dawl tagħha tiġi evalwata s-selettività eventwali tal-eżenzjoni. Din is-sistema tapplika għas-sidien jew għad-detenturi kollha ta' proprjetà immobbli u tiddefinixxi l-elementi kostituttivi tat-taxxa fuq il-proprjetà immobbli, inkluża l-eżenzjoni inkwistjoni.

Issa, **eżenzjoni ġenerali u astratta** li takkumpanja taxxa diretta, bħal dik stabbilita mil-liġi Pollakka, **ma tistax, bħala prinċipju, titqies li hija għajnuna mill-Istat**. Fil-fatt, peress li hija preżunta li hija inerenti għas-sistema fiskali "normali", din ma tagħtix, bħala regola ġenerali, vantaġġ selettiv.

Madankollu, jeżistu żewġ sitwazzjonijiet li fihom tali eżenzjoni tista' tkun selettiva. Minn naħa, meta din l-eżenzjoni

tifforma parti minn sistema fiskali kkonfigurata skont parametri manifestament diskriminatorji. Min-naħa l-oħra, meta l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni rilevanti sabiex wieħed jibbenefika minn din l-eżenzjoni jkunu relatati ma' karatteristika speċifika waħda jew iktar tal-impriżi benefiċjarji, peress li dawn il-karatteristiċi jkunu marbuta b'mod inseparabbli man-natura ta' dawn l-impriżi jew ma' dik tal-attivitajiet tagħhom, b'tali mod li l-imsemmija impriżi jifformaw kategorija koerenti.

F'dan il-każ, l-eżenzjoni inkwistjoni tingħata lill-persuni taxxabbli bil-kundizzjoni li jkollhom, b'mod partikolari, art li tifforma parti mill-infrastruttura ferrovjarja, li titqiegħed għad-dispożizzjoni tat-trasportaturi ferrovjarji. Bla ħsara għal verifika mill-qorti nazzjonali, **din il-kundizzjoni għalhekk ma tidhirx li hija marbuta, la fid-dritt u lanqas fil-fatt, ma' karatteristiċi speċifiċi tal-impriżi li jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni**. Lanqas ma tidher li tifforma parti minn sistema fiskali kkonfigurata skont parametri manifestament diskriminatorji.

Għalhekk, din l-eżenzjoni tidher li tista' tinkiseb minn grupp eteroġeneu ta' benefiċjarji, li jinkludi lil operaturi mhux ekonomiċi u lil impriżi ta' daqs u setturi ta' attività differenti ħafna. **Il-fatt li huma biss l-impriżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni li jistgħu jibbenefikaw minnha ma huwiex biżżejjed, fih innifsu, biex din titqies selettiva**.

Barra minn hekk, l-eżenzjoni msemmija iktar 'il fuq għandha għan mhux biss baġitarju, iżda wkoll ambjentali, li jinkoraġġixxi r-riabilitazzjoni tal-linji ta' servizz ferrovjarju li ma għadhomx jintużaw u l-użu ta' dan it-tip ta' trasport. Fil-kuntest tal-awtonomija fiskali tiegħu, Stat Membru jista' leġittimament ifittex, permezz tat-tassazzjoni diretta, minbarra għan purament baġitarju, għan wieħed jew iktar, li, jekk ikun il-każ, jikkostitwixxu, flimkien, l-għan tal-qafas ta' riferiment rilevanti.

Madankollu, jekk il-qorti nazzjonali tqis li l-eżenzjoni inkwistjoni tagħti vantaġġ selettiv, ikollu sussegwentement jiġi eżaminat jekk, fid-dawl tal-karatteristiċi ġenerali tagħha, din toħloqx distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-fatt li impriża tiġi lliberata mill-ispejjeż li hija normalment kien ikollha tħallas, f'settur ekonomiku li kien is-suġġett ta' liberalizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni, bħala prinċipju joħloq distorsjoni fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq 'Europe by Satellite' ✆ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] Artikolu 107(1) TFUE.